# IT-TAPIZZERIJA TAL-KNISJA

## minn Lorenzo Zahra

Biex tgħammar tempju manjifiku u grandjuż bħal dak ta' Santa Liena f'Birkirkara, bla dubju trid sagrifiċċju u spejjeż kbar. Iżda xejn ma jaqta' qalb il-prokuraturi tal-knisja meta dawn ikunu mimlija ħeġġa u mħabba biex jaraw li t-tempju t'Alla jinżamm kemm jista' jkun sabiħ u mżejjen. Dari bil-faqar li kien hawn, ħafna knejjes kienu jisselfu jew jikru t-tapizzerija. Veru li llum wkoll biex issir opra bħal din tinvolvi spejjeż kbar, imma xejn anqas kienet problema aktar minn mitt sena ilu, meta saru preparamenti ħalli l-Knisja tinkesa b'tapizzerija ta' ġmiel li jixraq.

Ta' min jgħid li l-prokuratur tal-Knisja fis-sena 1846 kien talab lill-prokuraturi kollha tal-fratellanzi u l-artali biex huma wkoll jagħtu s-sehem tagħhom. Għal din l-opra kienu daħlu l-prokuraturi Franġisku Fiteni u Ġużeppi Debono li f'idejh kellu wkoll xi artali. Dawn il-prokuraturi kif ukoll xi oħrajn talbu lill-Isqof sabiex jagħtihom il-permess li jkunu jistgħu jbiegħu xi oġġetti tad-deheb u fidda li kienu jingħataw b'wegħdi u li kienu esposti ma xbihat.

Minn dokumenti fil-Kurja, jidher tagħrif dwar x'kienu dawn l-oġġetti u kemm kienu jiżnu u jiswew sabiex jinġieb prezz ġust għalihom. Hekk mill-artal tal-Karmnu kien hemm 19-il biċċa li ġabu fuq 92 skud. Max-xbiha ta' l-Assunta kien hemm 4 biċċiet li ġabu 27 skud. Ix-xbiha ta' Sant Anna kellha 4 biċċiet li l-Prok. Mikiel Tonna ġab kważi 8 skudi. Mix-xbiha tad-Duluri inġabru mal-126 skud mill-prokuratur Franġisk Grech għaliex kien hemm aktar minn 13-il biċċa. Mix-xbiha ta' Santa Liena ttieħdu 10 biċċiet ta' deheb u fidda li ġabu aktar minn 50 skud, fil-waqt li mill-artal tal-Madonna tal-Konsolazzjoni ġew disposti 11-il biċċa li ġabru aktar minn 70 skud mill-prokuratur Gius Debono, l-istess wieħed li ħa ħsieb ix-xogħol tat-tapizzerija tal-knisja. Mill-artal tar-Ružarju ittieħdu biss 6 biċċiet li l-Prokuratur Ċensu Gauci ġabar għalihom 59 skud.

Anke mill-knejjes filjali ta' Birkirkara, ċioe dawk tal-Vitorja u dik ta' Santu Rokku li għall-ħames biċċiet ta' wegħdi inġabru kważi 48 skud mill-Prokuratur Salvu Vella li kien jieħu ħsieb dawn il-knejjes.

Hekk wieħed jara kif ma ġbir ieħor li kien isir, kull kappellun ikkontribwixxa sabiex setgħet titwettaq opra li tant iżżejjen il-knisja.

Huwa ta' min jgħid li dawn l-oġġetti kienu aktarx imsielet, ċrieket, xi arloġġi tad-deheb, labar sbieħ bil-ħaġar prezzjuż, oġġetti tal-filograno u oġġetti tal-fidda skond il-wegħdi bħal format ta' riġel, ta' qalb, jew oġġetti oħrajn.

It-tapizzerija f'kull knisja tintrama u tiżżarma fil-festi u kultant, f'xi knejjes, bla attenzjoni li jixraq, għax minn fuq is-slielem ikun xi drabi diffiċli li wieħed jixxabbat iżżejjed, allura spiss it-tapizzerija ġġarrab ħsarat għaliex din tkun magħmula minn damask irqiq u fin, imżejjen b'disinji ta' ġmiel, uħud minnhom saru karatteristiċi fostna. Propjament din għandha tintrefa f'rombli u mhux tintewa, biex isservi aktar. Arma u żarma it-tapizzerija minn żmien għal żmien tissewwa u titbiddel bi spejjeż kbar. Għalhekk xieraq nispiċċa b'appell lil dawk kollha li jieħdu ħsieb dan il-ġmiel ta' dekorazzjoni, biex jibżgħu għall-opri bħal dawn ta' tapizzeriji u damaski.

Ref. Arch. Arcid. Floriana Supp. 1846/47 Vol 1 p. 142 et seq.